**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit***

**Kumpilazzjoni Nru. 863/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**
**-vs-**
**Karl Hili**

**Illum, 26 ta' Marzu, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Karl Hili, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 403494(M);

Akkuzat talli nhar id-9 ta' Frar 2014 ghall-habta tal-10.15hrs fi Triq Tal-Infetti, l-Imdina, waqt li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBB 382:

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Tatiana Mirabella skont kif iccertifika Dr Daniel Mc Kean M.D. ta' Mater Dei;
2. Kif ukoll involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Vanessa Scicluna skont kif iccertifika Dr Chris Giordimaina M.D. ta' Mater Dei;
3. U aktar involontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Pauline Borg skont kif iccertifikat Dr Anne Fenech M.D. ta' Mater Dei;
4. Kif ukoll b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolament tat-traffiku, habat ma' vettura Nru. IBD 419 u nvolontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Pauline Borg;
5. U aktar waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura ikkaguna hsarat involontarji fuq cint tal-ghalqa li hemm fi triq imsemmija ghad-dannu ta' Nazareno Axiaq.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat, Karl Hili, jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', affidavit ta' PS 1243 George Polidano, certifikat mediku ta' Karl Hili, tliet 'patients certification forms', rapport mediku ta' Vanessa Scicluna minghand Mr Raymond DeBono mmarkat bhala Dok VS1, certifikat mediku ta' Vaness Scicluna minghand Dr Chalene Farrugia

mmarkat bhala Dok VS2, sett ta' ritratti mmarkati bhala Dok VS3, okkorrenza mmarkata bhala Dok GP1, pjanta tal-incident immarkata bhala Dok GP2, affidavit ta' Dr Maria Deguara mmarkat bhala Dok EMC, ritratti mmarkati bhala Dok VS, dettalji ta' vetturi mmarkati bhala Dok SC, dettalji ta' vetturi mmarkati bhala Dok SC1, rapport ta' Dr Mario Scerri mmarkat bhala Dok MS1, stima mmarkata bhala Dok NA1, certifikat tat-twelid immarkat bhala Dok POL1, fedina penali mmarkata bhala POL2, tliet ritratti mmarkati bhala Dok NB1, Dok NB2 u Dok NB3, dettalji ta' vetturi mmarkati bhala Dok TM1, rapport ta' Dr Mario Scerri mmarkat bhala Dok MS1, ritratti mmarkati bhala Dok RE1 u 'discharge receipt' immarkata bhala Dok RE1.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Edel Marie Camilleri**,** qrat u kkonfermat bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 24 ta' Frar 2015 quddiem il-Magistrat Dr Tonio Micallef Trigona.
Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' lil Vanessa Scicluna, PS1234 George Polidano, Pauline Borg, Kevin Borg, Dr Charlene Farrugia, PS 1234 George Polidano, Dr Daniel McKeon, Dr Chris Giordmaina, Nicholas Baldacchino, Stephen Cachia, Vanessa Scicluna, Doris Scicluna, Nathan Darmanin, Antoine Hili, PC 944 Godwin Caruana, Doris Scicluna, Nathan Darmanin, Dr Ann Fenech, Dr Maria Deguara, Dr Mario Scerri, PS 1437 Norman Xuereb, Nazzareno Axiaq, Nicholas Baldacchino, PS 1225 Mario Fenech, PC 934 Owen Bilocca, Stephen Cachia, Tatiana Mirabella, PS 1437 Norman Xuereb, Nicholas Baldacchino, Joseph Theuma, Dr Mario Scerri, Dr Anne Fenech u lil Mr Raymond DeBono.

**PS 1243 George Polidano,** jghid li nhar id-9 ta' Frar 2014 kien mar fi Triq l-Infetti, l-Imdina, fejn kienet sehhet habta bejn karozza Ford Escort BBB 382 misjuqa minn Karl Hili u Renault IBD 419 misjuqa minn Pauline Borg. PS 1243 jghid li ra lil karozza Ford Escort bi hsarat estensivi thares direzzjoni lejn ir-Rabat u lil karozza Renault bi hsarat fuq il-parti ta' quddiem. Huwa osserva wkoll li kien hemm ammont kbir ta' ilma specjalment fid-direzzjoni lejn il-Mosta u li kien hemm hsarat fic-cint ta' ghalqa propjeta' ta' Nazzareno Axiaq. Huwa kompla jghid li fil-Ford Escort kien hemm zewg passigieri, Tatiana Mirabella u Vanessa Scicluna li wegghu fl-incident u passigier iehor fuq quddiem, Nathan Darmanin, li ma garrab l-ebda griehi. PS 1243 George Polidano jghid ukoll li skont il-verzjoni li taw il-partijiet kollha nvoluti, l-incident sehh meta x-xufier tal-Ford Escort incidentalment tilef il-kontroll tal-karozza hu u niezel lejn il-Mosta u laqat il-vettura li kienet tiela fid-direzzjoni opposta u laqat ukoll ic-cint. Polidano jghid ukoll li Vanessa Scicluna u Tatiana Mirabella gew iccertifikati li garrbu griehi gravi filwaqt li Pauline Borg u Karl Hili garrbu griehi hfief.

**Vanessa Scicluna** tghid li dakinhar tal-incident kienu erbat'ihbieb fil-karozza u kienu sejrin 'picnic' u huma u nezlin in-nizla taht is-Saqqajja, fi Triq l-Infetti, qalet lis-Sur Hili sabiex isuq bil-mod. Hija tghid li mad-daqqa spiccat fuq il-'lane' l-ohra tat-triq. Hija spjegat li bl-incident kellha seba' punti fuq mohhha u li sofriet hamsa fil-mija (5%) dizabbilita, li giet iccertifikata wkoll mit-tabib Mr Raymond Debono. Hija tispjega wkoll li ghadha tibza hafna meta tirkeb ma' xi hadd.

**Pauline Borg** tghid li dakinhar tal-incident, id-9 ta' Frar filghodu, kienet qed issuq flimkien mar-ragel li kien passiggier u hi u tiela Triq l-Infetti lejn ir-Rabat rat lis-Sur Hili tilef il-kontroll tal-karozza hu u niezel, waqfet u habat go fiha fin-naha ta' quddiem u gabilha l-karozza 'total loss'. Hija tghid li ddahhlet l-Isptar minhabba x-xokk li kellha.

**Kevin Borg** jghid li dakinhar kien passigier mal-mara tieghu u huma u telghin lejn ir-Rabat, raw karozza mid-direzzjoni opposta titlef il-kontroll u baqghet gejja ghal fuqhom u gabitilhom il-karozza 'total loss'. Huwa jghid li bhala griehi ma sofriex, u li kellu ftit ugiegh f'idejh li ghaddielu wara ftit jiem.

**Dr Anne Fenech** ipprezentat affidavit li tghid li Pauline Borg sofriet griehi hfief.

**Dr Charlene Farrugia** tikkonferma li hija t-tabiba tal-familja u li harget ic-certifikat mediku a fol 48 nhar it-3 ta' Settembru 2014 fejn hija ccertifikat li rat lil Vanessa Scicluna wara li kienet involuta f'incident tat-

traffiku nhar id-9 ta' Frar u li kellha 'five centimetres laceration' fuq mohha u li kellha bzonn punti u trattament b''antibiotics' u 'creams'. Hija kompliet tghid li reghet ratha ghall-vista sabiex tnehhi l-punti. Meta mistoqsija hija tghid li l-ferita hija ta' natura hafifa, pero' fil-wicc, u li l-ferita' ghadha ftit tidher.

**PS 1234 George Polidano** jikkonferma li l-okkorrenza a fol 54 et seq ghamilhom hu.

**Dr Maria Deguara** ipprezentat affidavit li tghid li Karl Hili sofra griehi hfief.

**Dr Daniel McKeon** jikkonferma li huwa hareg ic-certifikat mediku a fol 24 u li huwa kien ezamina lill-pazjenta fejn sab li kellha griehi serji minhabba li kellha frattura f'imnieherha u li l-griehi kienu l-aktar fil-wicc, u li dawn kienu kompatibbli minn xi oggett iebes.

**Dr Chris Giordmaina** jikkonferma li huwa ezamina lil Vanessa Scicluna u sab li kellha griehi gravi li jikkonsistu f'"eight centimetre laceration over the forehead, abrasion over the bylateral knees, abrasions by lower lateral back". Huwa jikkonferma wkoll li l-qasma hija bejn erbgha u hames centimetri fuq il-mohh u li ghadha vizibbli minn metru 'l boghod pero' bilkemm tidher minn zewg metri boghod.

**Nicholas Baldacchino** jghid li min-naha tal-Awtorita' tat-Trasport, marru l-haddiema sabiex jaraw x'kienu l-hsarat u hadu ritratti u x-xoghlijiet sabiex jissewwa l-hajt swew elf, mitejn u sittin ewro (€1,260). Huwa jispjega li mir-ritratti jidher li kien hemm hajt tal-kantun (madwar erba' metri) b'hajt tas-sejjieh warajh (madwar sitt metri) u li mad-daqqa l-hajt tal-kantun dahal 'il gewwa u l-hajt tas-sejjieh waqa' kollu.

**Antoine Hili** jghid li kien cempillu t-tifel tieghu, Karl Hili, li kellu incident bil-karozza u li huwa mar fuq il-post tal-incident biex jara kienx hemm xi hadd imwegga. Huwa jispjega li kienet wegghet Vaness Scicluna, wahda mit-tliet passiggieri fil-karozza, u li din harget mill-Emergenza dakinhar stess tal-incident u li kellha marka fuq mohha. Huwa nnota li fl-ahhar seduta il-marka kienet tidher biss mill-vicin. Is-Sur Hili kompla jghid li huwa nnota hafna ilma niezel minn gor-raba fit-triq u t-tifel tieghu kien skidja u habat ma karozza ohra u mal-impatt il-karozza l-ohra tefghetu fuq ic-cint.

**Stephen Cachia** bhala rapprezentat ta' Transport Malta jghid li ghamel ricerka fuq zewg karozzi. Il-karozza bin-numru ta' registrazzjoni IBD 419 kienet irregistrata fuq Pauline Borg bejn it-18 ta' Jannar 2006 u l-10 ta' Marzu 2014 u l-karozza bin-numru ta' registrazzjoni BBB 382 kienet irregistrata fuq Antoine Hili mit-22 ta' Gunju 1995 u giet skrepjata fl-14 ta' Frar 2014. Huwa kompla jghid li jirrizultalu li Pauline Borg kellha licenzja izda Karl Hili ma kellux licenzja tas-sewqan nhar id-9 ta' Frar 2014 ghaliex hu ottjena l-licenzja tas-sewqan fil-11 ta' Frar 2014.

**PC 944 Godwin Caruana** jghid li dakinhar tal-incident kien mar jassisti lil PS 1243 billi ghalaq it-triq ghax kienu wegghu xi persuni u li mieghu kien hemm PC 238 li m'ghadux haj. Huwa spjega wkoll li f'dik it-triq partikolari kien ikun hemm hafna nixxieghat tal-ilma, kienet nizla mserrpa u li kienet qisha 'black point' ghaliex kienu jsiru hafna incidenti hemmhekk.

**Doris Scicluna**, omm Vanessa Scicluna tghid li dakinhar tal-incident it-tifla flimkien ma' shabha kienu sejrin 'picnic' meta cemplitilha t-tifla biex tmur l-Isptar ghax kienu wegghu u meta marret sabitha mohha maqsum, kollha dmija u dbengil. Hija kkonfermat li l-hames ritratti, a fol 49 et seq, gibdithomlha hi mil-'mobile', id-dar.

**Nathan Darmanin** jghid li dakinhar tal-incident kien fil-karozza ma' Vanessa u Tatiana u Karl kien is-sewwieq u li meta kienu nezlin fi Triq l-Infetti r-Rabat dawn habtu u Tatiana qasmet mohha u spiccaw l-Isptar. Huwa ikkonferma li Vanessa kienet qalet lill-imputat sabiex isuq bil-mod u li ghalkemm Karl ma kienx ghaddej bi 'speed' enormi, pero' kien qed jaghfas il-gas. Nathan jispjega li mal-impatt habtu mal-

hajt ta' faccata, daru u spiccaw iharsu bil-kontra tad-direzzjoni li kienu qed isuqu. Huwa kompla jghid li wara l-incident ra lil Tatiana Mirabella dahra mal-art u saqajha fil-karozza, lil Vanessa barra mil-karozza u l-karozza bis-saqaf u quddiem mghaffeg. Meta mistoqsi huwa stqarr li hu u Karl kienu lebsin 'seatbelt' pero' Tatiana u Vanessa ma jahsibx li kienu lebsin 'seatbelt'.

**Dr Maria Deguara** tikkonferma li certifikat a fol 22 kitbitu hi u li ccertifikat lil Karl Hili li ghalkemm kellu ftit ughiegh ma kellu lebda feriti jew ksur.

**Dr Mario Scerri** ikkonferma li ezamina lil Vanessa Scerri wara li kienet involuta f'incident u li din kellha bzonn strutturi fuq mohha u spiccat b'cikatrici li kienet rizultat ta' lacerazzjoni, rizultat ta' 'blunt trauma'. Huwa kompla jikkonferma li din ic-cikatrici tidher 'from within walking distance' pero' ma tantx hija konspikjuwa, u ma tidhirx mil-boghod. Huwa kkonferma li din ha tibqa' tidher bhala marka permanenti fil-wicc.

**Nazzareno Axiaq** jghid li kien qieghed l-ghalqa, fi Triq l-Infetti l-Imdina, meta ra zewg karozza mahbutin u kienu waqqghulu bicca mil-hajt bil-habta. Huwa jispjega li l-hajt bnih hu stess u ghamel stima tax-xoghol tieghu. Meta mistoqsi, huwa jikkonferma li kien hemm zmien fejn kien johrog ilma kontinwament, maghruf bhala ilma tax-xaba'.

**Nicholas Baldacchino** esebixxa tliet ritratti tal-hsarat fuq il-hajt li ttiehdu mil-'field officer' Joseph Theuma. Huwa jispjega li bhalissa hemm kawza tal-Arbitragg sabiex jigbru l-ispejjez tat-tiswijiet, wara li bghatu diversi ittri lil Karl Hili biex ihallas.

**PS 1225 Mario Fenech** jikkonferma li huwa ghamel l-'update' tar-rapport a fol 65. Huwa spjega li kienet giet Vanessa Scicluna li talbet kopja tal-okkorrenza u huwa taha kopja u qatalha parti minnha u xi dettalji ta' terzi persuna minhabba l-protezzjoni tad-data.

**PC 934 Owen Bilocca** jikkonferma li huwa ghamel l-'update' tar-rapport a fol 64. Huwa spjega li kienet giet Pauline Borg u gabitlu l-licenzja tas-sewqan taghha u huwa vverifika li kienet valida.

**Stephen Cachia**, bhala rapprezentat ta' Transport Malta, rega xehed li ghamel ricerka fuq zewg karozzi: karozza numru BBB 382 li kient irregistrata fuq Antoine hili mit-22 ta' Gunju 1995 u giet skrepjata fl-14 ta' Frar 2014; u l-karozza numru IBD 419 li kienet irregistrata fuq David Vassallo mil-10 ta' Marzu 2014 u giet skrepjata fil-21 ta' Frar 2018.

**Tatiana Mirabella** tghid li meta kienu qed isuqu fi Triq is-Saqqajja, intilef il-kontroll tal-karozza misjuqa minn Karl Hili u kellha 'blackout' u x'hin qamet sabet ruhha barra mil-karozza. Hija tghid li kienet passiggiera wara x-xufier u li kawza tal-incident sofriet ksur fi mnieherha, punti go dahra u bnadi ohra u tilfet xahar skola sabiex tirkupra. Hija ziedet tghid li mnehira ghadu miksur u li meta taghtas jugaghha. Meta mistoqsija hija tghid li l-karozza kienet hamra.

**PS 1437 Norman Xuereb** jghid li nhar id-9 ta' Frar 2014 kien mar fit-Triq taht l-Imdina ma' PC 1139 u PC 957 sabiex jaghlqu t-triq minhabba li kien sar incident u wegghu in-nies u li kien wiehed milli eskortaw l-ambulanza wkoll. Huwa rrimarka li kien tkellem mas-Surgent tad-Distrett rigward ilma li kien hiereg u kien qieghed ezatt fil-kurvatura.

**Nicholas Baldacchino** jghid li Transport Malta fethu Tribunal Ghal Talbiet Zghar umbaghad arbitragg sabiex igibu l-flus lura tal-hsarat, pero' umbaghad l-insurance tas-Sur Hili accettaw li jhallsu d-danni huma.

**Joseph Theuma**, in rapprezentanza ta' Joseph Theuma, jikkonferma li hu ha r-ritratti a fol 340 nhar l-14 ta' April 2014 fejn juru 'boundary wall' imwaqqa' fi Triq l-Infetti, l-Imdina. Huwa jispjega li kien ghamel spezzjoni tas-sit ghaliex kienu ha jaghmlu xi xoghlijiet fit-triq u kien avvicinah persuni fejn qallu li kien sar accident fit-tali gurnata.

**Dr Mario Scerri** jghid li ezamina lil Tatiana Mirabella nhar id-29 ta' Jannar 2019 wara li garrbet frattura tan-'nasal bones' f'incident tat-traffiku. Huwa jikkonferma li din ghandha devjazzjoni minima tas-'sectum' fuq in-naha tal-lemin u rizultat ta' dan Tatiana ghadha tilmenta bi 'chronic congestion' fin-'nostril' tal-lemin u li meta taghtas ikollha ugiegh fin-naha tal-lemin tal-imnieher. Dr Scerri pero' stqarr li din hija suggettiva u ma jistghux isiru testijiet sabiex jigi kkonfermat jekk hux vera jew le. Huwa zid jghid ukoll li ghandha cikkatrici zghira hafna tidher, imma insinjifikanti, 'from within walking distance' b'rasha 'hyper extended' rizultat tal-lacerazzjoni li garbet waqt l-incident.

**Dr Anne Fenech** tikkonferma li d-dokument a fol 25 kitbitu hi wara li ezaminat lil Pauline Borg gewwa l-emergenza u ccertifikat li kellha griehi hfief li ma kinux ta' natura gravi.

**Mr Raymond DeBono**, li huwa 'plastic surgeon', jikkonferma li d-dokument VS1 a fol 45 tal-process hargu hu wara li ezamina lil Vanessa Scicluna u li din kellha 'scar' fuq mohha konsistenti ma' daqqa ma' xi haga iebsa u bix-xifer u li ghandha dizabbilta' ta' 5% f'rispett ta' 'scar' fuq mohha.

Rat in-nota tar-Rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata erbatax (14) ta' Mejju, elfejn u dsatax (2019) fejn hija dehrilha li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 328 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 226 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 226 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 328 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 328 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li fil-verbal tas-16 ta' Mejju, 2019 il-Qorti qrat l-artikoli fejn l-imputat wiegeb li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jinstema' bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda tad-Difiza, u cioe' il-kontro-ezami ta' PS 1243 George Polidano, PC 944 Godwin Caruana, Nicholas Baldacchino, Nazzareno Axiaq, Pauline Borg, Tatiana Mirabella, Vanessa Scicluna.

Fil-kontro-ezami **PS 1243 George Polidano** kkonferma li hemm ammont kbir ta' ilma. Huwa jghid li gieli waslulhom xi rapporti u kienu nfurmaw lil Water Service u lill-kunsill. Meta mistoqsi PS 1243 kompla jghid li dan kien l-ewwel incident li kellu bhala surgent minhabba l-ilma, u ma jiftakarx kienx hemm ohrajn simili. Meta mur r-ritratti, Dok RE1, huwa jikkonferma li dik hija t-triq u kif kienet il-kundizzjoni tat-triq dak iz-zmien; bil-hass ahdar li trabba. Huwa kompla jghid li jiftakar li, apparti l-ilma tax-xeba', kien hemm xi kanna li kellha 'leakages' dak iz zminjiet u kien ikun hemm l-ilma dejjem hiereg.

**PC 944 Godwin Caruana** jikkonferma li huwa m'ghamilx il-'PIRS report', izda huwa assista lis-surgent. Huwa jikkonferma li kien hemm hafna ilma li kien gej mir-raba' ghaliex kien hemm kanna li kienet damet imkissra u li gieli saru incidenti ohra minhabba l-ilma. Meta mur r-ritratti, Dok RE1, huwa jikkonferma li dak kien l-istat tat-triq fiz-zmien tal-incident.

**Nicholas Baldacchino** jghid li minhabba li m'ghadux jahdem mal-Awtorita' tat-Trasport m'ghandux access ghall-'file' u li huwa kien tela' jixhed biex jghid x'kienu l-hsarat u min mar fuq il-post. Huwa jikkonferma li kien hemm tliet incidenti f'dik it-triq dak iz-zminijiet, pero' t-tiswija tal-hajt li tirrigwarda l-

incident tas-Sur Hili giet tiswa 1,260 ewro. Meta mistoqsi huwa spjega li l-Pulizija jkunu tawhom ir-rapport umbaghad imur il-Field Officer jara x'inhu l-hsara, ikellem lil perit u l-perit jordna x-xoghol. Meta mistoqsi wkoll is-Sur Baldacchino kkonferma li l-hajt huwa ta' sid ir-raba' pero' minhabba li hija triq arterjali u distributorja taqa' taht ir-responsabbilta' tal-Awtorita' sabiex tittiehed azzjoni biex ma jkunx hemm periklu. Meta mistoqsi huwa jikkonferma li ma nfethux kawzi kriminali kontra s-Sur Hili min-naha tal-Awtorita'.

**Nazzareno Axiaq** jikkonferma li tella' bicca mil-hajt li waqqghalu s-Sur Hili. Huwa kkonferma wkoll li l-hajt tal-ghalqa huwa hajt privat u li qatt ma ghamel kwerela jew rapport lill-pulizija kontra Karl Hili.

**Pauline Borg** tikkonferma li f'Dok RE1 kienu ddikjaraw li rrinunzjaw ghal kollox u mhux ha jiehdu azzjoni kontra s-Sur Hili, la kriminalment u lanqas civilment.

**Tatiana Mirabella** tispjega li ma tiftakarx li rat l-ilma dakinhar tal-incident, pero' kienet ratu fuq servizz tal-ahbarijiet. Hija tghid ukoll li ghadu jkollha ftit ugiegh fi mniehirha konsegwenza tal-incident.

Meta mistoqsijia **Vanessa Scicluna** tghid li ma tiftakarx il-velocita' li kien qed isuq biha s-Sur Hili imma rat li gejja dawra kerha. Hija tghid li tiftakar li kien hemm l-ilma fit-triq wara l-incident, li mal-impatt hija spiccat fil-karregjata l-ohra, li l-karozza kienet ftit iktar 'il quddiem minn fejn spiccat hi u li ghalkemm marret ghand Dr Charlene Farrugia biex taqtalha l-punti fl-14 ta' Frar dawn kienu ghadhom friski wisq u b'hekk qatghethom gewwa sptar fi Brussel, li taghhom iccargjawha 45 ewro. Meta mistoqsija hija tikkonferma li ghandha mutur, li ma taqbizx iktar minn sebghin ghax titwerwer u li marret ghand Mr Raymond Debono wara li rceviet il-karta mill-Qorti sabiex tmur.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**
**Fatti tal-Kaz**
Illi dan il-kaz ta l-bidu tieghu meta l-imputat kien qieghed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBB 382 gewwa Triq l-Infetti l-Imdina. Ghal xi raguni tilef il-kontrol bil-konsegwenza li habat ma vettura ohra li kienet fil-karreggjata tan-naha l-ohra tat-triq u li kienet qieghda tinsaq fid-direzzjoni opposta. Din il-vettura li kienet misjuqa minn Pauline Borg garbet hsarat konsideroveli mal-impatt fuq in-naha ta' quddiem. Filwaqt il-vettura l-ohra misjuqa mill-imputat kellha diversi hsarat mal-vettura bil-konsegwenza tal-impatt. Illi fil-vettura misjuqa mill-imputat kien hemm tlett passiggieri mieghu fejn bil-konsegwenza tal-impatt Vanessa Scicluna u Tatiana Mirabella sofrew griehi gravi hekk kif kienu certifikati mit-tobba li ezaminawhom. Pauline Borg li kienet qieghda issuq il-vettura l-ohra u li maghha kien hemm ir-ragel taghha bhala passiggier sofriet griehi hfief hekk kif kienet iccertifikata. Mix-xhieda ta' Vanessa Scicluna hareg li ftit qabel ma' saret il-habta kienet qalet lill-imputat biex isuq bil-mod liema fatt gie koroborat ukoll minn Nathan Darmanin. Illi wkoll gie osservat li kien hemm ilma fl-istess triq li sehh l-incident.

**L-akkuzi**
Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex il-persuna tigi ddikjarata hatja, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Issir referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat

l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-dsatax ta' Mejju, 1997*)** gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Issa l-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Settembru 2002*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jista jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandha tillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija '*on a balance of probabilities'* u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Illi wkoll ghandu jinghad dwar in-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali sejra ssir referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Carter** deciza fis-7 ta' Jannar 2001:

> *Meta, …., ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat.*

Illi minn dan il-bran johrog li l-Qorti hija marbuta fuq dawk l-imputazzjonijiet li jirrizultaw min-nota ta' rinviju ghal gudizju tal-Avukat Generali u ghandha tiskarta dawk l-imputazzjonijiet li ma jirrizultawx mill-imsemmija nota ta' rinviju ghal gudizzju. Illi minn dan il-fatt johrog li l-Qorti trid timxi skont l-artikoli mahruga u tara mill-fatti tal-kaz dwar l-akkuzi li johorgu minn nota ta' rinviju ghal guddizzju.

**Ikkunsidrat:**
L-imputat qieghed jitfacca diversi akkuzi li fosthom hemm li huwa kkaguna offizi gravi fuq il-persuna ta' Tatiana Mirabella u Vanessa Scicluna b'mod involontarju u dan kagun tal-habta li sehhet waqt li kienet qieghed isuq il-vettura. Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tanalizza l-ewwel zewg akkuzi rigward il-griehi gravi fuq il-persuni ta' Tatiana Mirabella u Vanessa Scicluna.

Illi skont in-nota tar-Rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata erbatax (14) ta' Mejju, elfejn u dsatax (2019) fejn dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 328 u 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi din il-Qorti sejra tanalizza kull artikolu li hemm fin-nota tar-Rinviju mahruga mill-Avukat Gneerali. Illi kif diga sar accenn hawn fuq, il-Qorti hija marbuta bl-Artikoli tal-Avukat Generali li jkun hareg kontra l-imputat.

Illi jidher li l-Avukat Generali ghamel referenza ghall-artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-akkuza fil-konfront tal-offizi gravi fuq il-persuna ta' Tatiana Mirabella. Illi f'dan il-kaz dan l-artikolu jghid hekk:

> *Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu,*

Illi dan l-artikolu 328 jitkellem b'mod car fuq il-hsara involontarja pero huwa limitat fuq min jikkaguna hruq, jew jaghmel hsara jew jgharraq xi haga. Illi bil-konsegwenza ta' tali att jista b'xi mod iwassal ghal griehi jew mewt fuq il-persuna. Illi dan l-artikolu huwa ghal kollox differenti minn dak li hemm fl-artikolu 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li hemm fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lawrence Attard** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Frar 2019 fejn qalet is-segwenti:

> *Mhux biss izda imbaghad b'referenza ghas sejbien ta' htija ghall-akkuza dwar il-qtil involontarju tindika l-artikolu tal-ligi li jitkellem dwar ir-reat tal-hsara volontarja u cioe' l-artikolu 328 li ma ghandu xejn x'jaqsam mar-reati addebitati lill-appellant.*

Illi anki fis-sentenza mghotija nhar is-16 ta' Jannar 2020 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Leandra Mifsud** fejn qalet hekk:

6. *Similment, f'dan il-każ jirriżulta li r-reat addebitat lill-appellanta kien dak ta' ħruq jew ħsara involontarja ai termini tal-artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali meta f'dan il-każ, il-provi kollha jindikaw li l-ħsara li saret ma kienetx daqstant lejn il-proprjeta ta' Maria Dolores Rizzo, daqskemm offiża gravi fuq il-persuna tagħha li ma kienetx iġġib il-konsegwenzi imsemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali u dan in konsegwenza diretta għal impatt bejn il-vettura misjuqa mill-appellanti u l-persuna ta' Maria Dolores Rizzo.*
7. *L-ipoteżi tar-reat li toħroġ mill-artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali hija dik ta' meta persuna, b'mod kolpuż, tikkawża ħruq jew ħsara fuq xi oġġett; u b'**konsegwenza ta' dan il-ħruq jew ħsara fuq xi oġġett b'mod kolpuż**, persuna oħra tiġi maqtula jew issofri offiża fuq il-persuna tagħha jew xi ħsara oħra. F'dan il-każ ma rriżultax li l-offiża fuq il-persuna ta' Maria Dolores Rizzo seħħet minħabba aġir kolpuż tal-appellanta li minħabba fih l-appellanta*

***kkawżat xi ħruq jew ħsara fuq oġġett u konsegwenza ta' tali ħruq jew ħsara fuq oġġett** seħħet il-ħsara fuq il-persuna ta' Maria Dolores Rizzo.*

8. *Din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni xliet lill-appellanta bir-reat żbaljat in kwantu r-reat li kellha semmai tiġi mixlija bih kien dak naxxenti mill-artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali u ċjoe r-reat ta' kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti jikkaġuna offiża fuq il-persuna. Id-dinamika tal-inċident f'dan il-każ hija waħda tipika ta' persuna li tkun qegħda ssuq vettura bil-mutur u b'mod kolpuż, waqt li tkun qegħda ssuq tali vettura tikkaġuna offiża fuq il-persuna ta' xi persuna oħra. L-ipoteżi tar-reat f'dawn iċ-ċirkostanzi hija dik prevista taħt l-artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali u mhux dik taħt l-artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali.*

Illi mill-insenjament ta' diversi sentenzi hawn fuq imsemmija, din il-Qorti tara li l-akkuza migjuba kontra l-imputat taht l-artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax tregi. Illi kif inghad hawn fuq il-Qorti hija marbuta mal-artikoli mahruga mill-Avukat Generali u ghalhekk f'dan il-kaz, il-Qorti ma tistax issib htija tal-imputat ta' din l-akkuza kif qieghda formulata b'dan l-artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat jinsab akkuzat ukoll b'offizi involontarji ta' natura gravi ukoll fuq il-persuna ta' Vanessa Scicluna. Illi dan kien incident li sehh fid-9 ta' Frar 2014 gewwa Triq L-Infetti l-Imdina. Illi flimkien mal-imputat kien hemm tlett passiggieri ohra fil-mument li sehh l-incident fejn Vanessa Scicluna sofriet xi griehi gravi kagun tal-habta.

Il-bazi tal-imputazzjoni migjuba kontrih hemm referenza fin-nota tar-Rinviju tal-Avukat generali ghall-artikolu 226 tal-Kap. 9 li jipprovdi li:

> *"(1) Jekk minħabba l-fatti imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan issir offiża fuq il-persuna, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel –*
> (*a*) jekk l-offiża tkun gravi u ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew multa mhux iżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75);
> *(b) jekk l-offiża tkun gravi mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37);*

L-elementi rikjesti minn dan l-artikolu sabiex tissussisti din l-offiza huma:-

i. Azzjoni li issir b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti;
ii. Jikkaguna offiza gravi;
iii. fuq persuna.

Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih wegghet Vanessa Scicluna kien sehh unikament tort ta' negligenza, traskuragni jew nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat. Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni trid tressaq l-ahjar prova sabiex jigu stabbiliti l-fatti tal-kaz sabiex jigi pruvat li minn naha tal-imputat b'mod involontarju ikkaguna l-feriti gravi minhabba nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew nuqqas ta' hila da parti tal-imputat jew li ma osservax ir-regolamenti. Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.

L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid Manzini:- *"L'inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all'agente di cui egli vuole non tener conto"*.

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili bhalma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-**High Way Code – Motor Vehicle Regulations** – bl- iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.

Il-Qorti ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-Artikolu 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat. Illi l-artikolu 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmel referenza ghal dak li hemm fl-artikolu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ir-reat tal-involontarjeta'. Waqt li l-artikoli 226 (1) (b) jaghmel referenza biss f'kaz ta' griehi gravi taht l-artikolu 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk f'dan il-kaz issir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet il-***Pulizija vs Richard Grech*** dik il-Qorti sostniet is- segwenti:-

> *"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d- diligenza tal-kaz konkret."*

Inoltre fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. John Vella*** deciza nhar il-15 ta' Frar 1958 mill-Imhallef Harding, ghamel referenza dwar l-interpretazzjoni tal-*culpa*, fejn qal hekk:

> *Tkun xi tkun id-definizzjoni tal-kolpa, jibqa' dejjem illi l-elementi taghha huma l-volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att, u l-possibbilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma jkunux prevedibbli, jew almenu ma setghux ikunu prevedibbli hlief b'diligenza straordinarja, li l-ligi ma tezigix, u li se maj tista' ggib kolpa ljevissima, la ma hix inkriminabbli, ma hemmx htija. Il-kolpa tista' tikkonsisti anki f'imprudenza; b'mod illi min jikkommetti att imprudenti avvolja huwa ma riedx jaghmel hag'ohra hlief dak l-att, u ma pprevediex li dak l-att seta' jkollu konsegwenzi koroh, huwa jibqa' fi htija ghax seta' jipprevedi dawk il-konsegwenzi. S'intendi, fil-kolpa hemm dejjem gradazzjonijiet mizurabbli ghas-sekonda tac-cirkustanzi partikulari ta' kull kaz, li jinfluwixxu fuq l-applikazzjoni tal-piena.*

Illi minn dak li ntqal hawn il-Ligi titfa obbligu fuq is-sewwieq u cioe' f'dan il-kaz l-imputat. Illi kif gie kwotat hawn fuq f'dak li jghid l-artikolu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien hu responsabbli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, r-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova dak li gara fl-incident li kawza tal-imputat sehhew il-griehi gravi li kienet tammonta ghal *culpable negligence* u cioe' li tammonta ghal *criminal misconduct*. (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta'

Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali). Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Illi f'dan il-kaz, Vanessa Scicluna qalet fix-xhieda taghha li ftit qabel sehh l-incident kienet qalet lill-imputat biex inaqqas il-velocita' li kien ghaddej. Fil-fatt mill-prova mressqa rrizulta wkoll li kien hemm hafna ilma fit-triq li kien ghaddej minnha. Illi ta' min jinnota li l-imputat kienu ghadu kemm ghamel l-ezami sabiex jotjeni l-licenza tas-sewqan tant li meta xehed Stephen Cachia kien qal li lanqas kienet ghada harget. Illi hawn juri kemm fil-fatt l-imputat ghadu gdid fejn jidhol is-sewqan.

Kif tajjeb gie osservat ukoll fil-kawza **Giuseppa Debono –vs- Philip Camilleri et**, Appell Civili, 23 ta' Frar 1962:

> *"hu obbligu li kull driver jirregola s-sewqan skond il- kondizzjonijiet u c-cirkostanzi, bhal ma huwa l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anke dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah 'a reasonable careful look-out' liema dmir igib mieghu li d-driver jara dak li jkun ragjonevolemnt vizibbli".*

Issa huwa wkoll principju ben stabbilit li sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm dak li huwa msejjah "*proper look out*" li gie definit bhala fil-kawza **Il-Pulizija vs Roderick Debattista** fil-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-26 ta' Mejju 2004 fejn:

> *"Hu dover ta' driver to see what is in plain view... u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout... Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Illi l-istess Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll fil-kawza fl-ismijiet il-**Pulizija vs Joseph Grech** deciza fis-6 ta' Gunju 2003 fejn qalet:

> *...biex nuqqas ta'proper look out iwassal ghal responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Muscat** deciza fis-6 ta' Mejju 1961 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn qalet hekk li:

> *"ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti ta' l-emergenza subitanea meta tikkonkorri l-kolpa ta' l-awtista, li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi ta' l-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi … ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali u jirregolaw il-velocita` taghhom b'margini sufficjenti ta' sikurezza"*

Illi ghalhekk ghalkemm kien hemm l-ilma fit-triq dan il-fatt ma jeskulpax lill-imputat minn dak li gara. Huwa dejjem l-obbligu ta' min ikun qieghed isuq li jara l-fatturi kollha li ghandu quddiemu. Il-fatt li l-art kienet imxarrba, tenut kont tal-fatt li ghadu kemm beda jsuq kif ukoll minn dak li qalet Vanessa Scicluna fejn kellha tirrimarkalu biex inaqqas il-velocita', dawn il-fatturi flimkien servew biex inholoq l-incident bil-konsegwenza li gabet mieghu. Illi ghalhekk bla dubju ta' xejn tara li l-imputat b'mod involontarju ikkaguna l-griehi sofferti minn Vanessa Scicluna minhabba traskuragni u l-imprudenza minn naha tal-imputat.

Illi ghalhekk il-Qorti trid tara jekk fil-fatt l-griehi sofferti minn Vanessa Scicluna jaqghux taht l-Artikoli 216 jew 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponu s-segwenti:-

L-artikolu 216 tal-Kap. 9:-

*(1) "L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin –*
*(a) jekk tista' ġġib periklu -*
*(i) tal-ħajja; jew*
*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*
*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*
*(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*
*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*
*(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*
*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*
*(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien.*
*(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il - marda, f'perikolu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża".*

Filwaqt li l-Artikolu 218 tal-Kap. 9 jipprovdi s-segwenti:-

*(1) "L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa' xhur sa disa' snin*
*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*
*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*
*(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort".*

Illi minn dak li qal Mr. Raymond Debono li huwa kirurgu li ezamina lil Vanessa Scicluna, ikkonkluda li hija kellha cikatrici fuq mohha li anki din il-Qorti setghet tara. Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Emily Zarb*** *(deciza mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar il-15 ta' Frar 1958)* gie ritenut illi:-

*"F'materja ta' offizi fuq il-persuna, hemm sfregju anki jekk ic-cikatrici tkun sfregjanti, cjoe' tkun taghti fil-ghajn minn distanza normali. Jekk l-isfregju jkunx semplici jew gravi u permanenti hija kwistjoni ta' gradazzjoni; imma l-isfregju jkun hemm dejjem, jekk ikun hemm dik ic-cikatrici".*

Illi fil-każ ***Il-Pulizija vs Fortunata Sultana***, (deciza fil-5 ta' Frar 1998), il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha dan xi tghid dwar sfregju li jkun sar fuq il-wicc:

*"Skond l-artikolu 216 (1) (b) tal-Kodici Kriminali, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, ggib sfregju fil-wicc. Il-ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari; sfegju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi rilevanti biss meta abbinata mal-gravita, taghti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravvissima" skond l-artikolu 218 (1) (b) tal-Kodici kriminali."*

Fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Francis Dingli*** deċiża fit-12 ta' Settembru 1996, intqal:

> *"L-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dan il-mankament jew sfregju jkun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju jkun gravi u permanenti jkun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-artikolu 218(1)(b)…. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-Qorti tiddeciedi jekk offiza ggibx sfregju fil-wicc o meno jrid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga` nghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti jkunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."*

Imbaghad fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Paul Spagnol*** deciza fit-12 ta' Settembru 1996, gie spjegat:

> *Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita` tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin" (Il-Pulizija v. Emily Zarb, App. Krim., 15/2/58, Kollez.Deciz. XLII.iv.1245, 1248).*

Din il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich*** deciza fit-2 ta' Settembru 1999:

> *Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali.*

Illi minn dak li ntqal hawn fuq rigward l-insenjament tal-Qrati taghna, jidher bic-car li l-ferita li kellha Vanessa Scicluna taqa' taht l-artikolu 216 (1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi d-difiza qajmet il-kwistjoni li Vanessa Scicluna kellha ferita li setghet giet ikkawzata minn xi incident iehor fit-trattazzjoni taghha. Dan ghal fatt li skont Dr. Anita Giordamaina t-tabiba li ezaminat lil Vanessa Scicluna ma setghetx tikkonferma jekk kenitx l-istess ferita li rat dakinnhar li dahlet l-emergenza. Illi pero il-Qorti ma taqbilx ma' din it-tezi li qajmet id-difiza. Illi jidher b'mod car li l-istess tabiba li ezaminat u certifikat lil Vanessa Scicluna ghamlet referenza ghal cikatrici fuq il-mohh ta' kwazi tmien centimetri (8 cm). Illi anki mill-istess certifikat mahrug minn Mr. Raymond Debono wera li kellha cikatrici fuq mohha meta ezaminaha fil-perijodu li sehh il-kaz (ara fol 45). Il-Qorti meta rat lill-istess ma osservat ebda feriti ohra fuq il-mohh pero il-Qorti m'ghandha ghalfejn tiddubita' xejn dwar ic-certifikat li nhareg mill-istess tabiba fejn kagun ta' dan l-incident. Illi anki l-Qorti kif diversament preseduta nhar il-11 ta' Settembru 2014 osservat ferita fuq mohh Vanessa Scicluna li kagun t'hekk tat digriet li kien jesorbita l-kompetenza taghha. Illi wkoll fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2016 il-Qorti kif diversament preseduta osservat ferita fuq mohh Vanessa Scicluna kif ukoll mill-espert mediku Dr. Mario Scerri fejn irrimarka li l-ferita fuq mohh Vanessa Scicluna hija vizibbli

f'distanza qasira izda mhux daqstant konspikjuwa. Illi ghalhekk bla dubju ta' xejn din il-Qorti qieghda ssib hati lill-imputat talli kkaguna griehi gravi fuq il-persuna ta' Vanessa Scicluna.

**Feriti Hfief u hsara involontarja**

L-imputat huwa akkuzat wkoll li ghamel feriti hfief fuq il-persuna ta' Pauline Borg li kienet qieghda ssuq vettura ohra li habat maghha l-imputat. Illi skont ic-certifikat mediku mahrug mill-istess Dr. Anne Fenech iccertifikat il-griehi li kellha Pauline Borg bhala hfief. Illi kagun ta' dan l-incident il-vettura ta' Pauline Borg sofriet hsarat estensivi. Illi Pauline Borg fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2019 xehdet fejn hija qieghda tirrinunzja ghal kwalunkwe proceduri kriminali kontra l-imputat. Illi fid-dawl ta' dan rigward l-akkuza tal-feriti hfief kif ukoll tal-hsara involontarja fuq il-vettura taghha stante li kien hemm rinunzja din il-Qorti mhux qieghda tiehu konjizzjoni taghha.

**Hsara fuq il-Hajt**

Illi rigward il-hajt li garrab hsarat kagun tal-incident, il-Qorti mhux se toqghod tidhol min irrangah jew le. Huwa minnhu dak li qalet id-difiza fit-trattazzjoni taghha li hemm kontradizzjoni ta' min sewwa l-hajt. Illi pero l-imputat huwa akkuzat taht l-artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u trid tara jekk fil-fatt din il-hsara gietx kommessa minnhu u jekk hemmx kwereli f'dan is-sens. Illi l-artikolu 328 tal-Kap 9 jghid:

> *Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati -*
> *(d) f'kull każ ieħor, il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet:*
>
> *Iżda fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu (d), ħlief meta l-ħsara tkun kaġunata fi proprjetà pubblika, ħlief vettura bil-mutur, jistgħu jittieħdu proċedimenti biss bil-kwerela tal-parti offiża:*

Illi f'dan il-kaz, il-hajt in kwistjoni hemm zewg verzjonijiet li Nicholas Baldacchino jghid li hu tieghu u ghalhekk irrangah hu. Fl-istess hin rapprezentant ta' Dipartiment tal-Gvern jghid li l-hajt kienu sewwewh huma. Illi f'dan il-kaz, prova ta' min hu l-hajt ma ngibitx sabiex jigi stabbilit jekk kienx propjeta' pubblika jew inkella privata. Illi jidher ukoll mill-atti qatt ma tresqet forma ta' kwerela jew inkella rapport mal-Pulizija mis-sid jew mid-dipartiment koncernat sabiex jigi nnotat il-hsarat kagunata fuq il-hajt. Illi ghalhekk fuq it-tali nuqqas tal-kwerela din il-Qorti ma tistax issib hati lill-imputat.

**Decide:**

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artikolu 226 u 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Karl Hili hati tat-tieni (2) imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, ma ssibux hati ta' l-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet u tikkundannah ghall-multa ta' elfejn Euro (€2000).

Il-Qorti tordna wkoll ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-hati ghal zmien hamsa u tletin (35) jum li jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl u minuta ta' ghada filghodu.

Tikkundanna u tordna li jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali fl-ammont ta' hames mija u erba' Ewro u tletin centezmu (€504.32)

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**